**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Emanuel Zammit

vs

Yanica Mc Kay

CCT 119/2024/ MS

31 ta' Lulju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fit-3 ta' Gunju 2024 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimata thallsu s-somma ta' hames mitt euro (€500.00), depozitu mhallas minnu ghal safra lejn l-Albania f'Novembru 2022, liema safra qatt ma sehhet.

Ra illi l-intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlitx risposta u lanqas ma dehret quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejha biex tixhed.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xiehda tar-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Lulu 2022 ir-rikorrent ghamel kuntatt mal-intimata tramite l-pjattaforma Facebook mesenger, meta r-rikorrent wera x-xewqa illi jsiefer mal-intimata, li kienet bi hsiebha torganizza mawra f'Albania bejn it-3 u l-10 ta' Novembru tal-istess sena ghal prezz ta' disa mitt euro ghal kull persuna. L-intimata talbitu depozitu ta' mija u hamsin euro ghal kull persuna. Ir-rikorrent talbet ukoll depozitu ta' mitejn euro ghall-lukanda. Ftehmu biex jiltaqghu u r-rikorrent taha hames mitt euro depozitu b'kollox peress illi huma kienu ser ikunu tnejn (€150 + €150 + €200). Illi fl-20 ta' Settembru 2022 l-intimata regghet kkuntattjat lir-rikorrent fuq messenger fejn qaltlu illi hi kien ser taghmel operazzjoni u ghalhekk offrietlu li taghtih rifuzjoni tad-depozitu jew inkella li jinbiddlu d-dati tas-safra ghal Marzu/ April 2023. Ftehmu illi l-intimata kienet ser taghtih refund, pero' l-intimata dejjem kienet iggiblu skuza jew ohra. Ir-rikorrent baqa' jissaporti ghal sena

shiha, sa' Jannar 2024, pero' minghajr ebda success, u l-intimata baqghet inadempjenti. Ir-rikorrent esebixxa wkoll sentenza tal-Qorti li huwa sab fuq l-internet, minn fejn jirrizulta illi l-intimata kellha taghti l-flus.

Illi l-intimata, Yanica McKay, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dehritx quddiem dan it-Tribunal u lanqas m'ghamlet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Illi min-naha l-ohra, t-talba tar-rikorrent hija korroborata bil-messaggi u dokumenti minn fejn jirrizulta bic-car illi l-intimata stess kienet accettat illi taghtih id-depozitu lura. Ghalkemm it-Tribunal ghandu d-dubji tieghu dwar il-genwinita tal-intimata, dan ma jnaqqas xejn milll-genwinita' tar-rikorrent illi pprova l-istanza tieghu sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, u wara li l-Qorti ra l-artikolu 21(2) tal-Kap 378, jidhirlu illi flimkien mar-rifuzjoni tas-somma ta' hames mitt euro rapprezentanti d-depozitu mhallas mir-rikorrent, hemm lok ghal kumpens ghal danni morali fl-ammont ta' mitt euro.

Ghal dawn il-motivi, u wara li ra l-artikolu 12.1 tal-S.L 378.01, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-intimat thallsu l-ammont ta' sitt mitt euro (€600.00) - kwantu ghal hames mitt euro id-depozitu mhallas mir-rikorrent u kwantu ghal mitt euro, danni morali. Bl-ispejjes kontra l-istess intimata.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**